**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**

*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 02/2026

**Laqgħa Numru 02**

24 ta' Frar, 2026

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, Tlieta, 24 ta' Frar 2026 fl- 4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius - Sindku

Noyah Spiteri Hammett - Viċi Sindku

Martin Vella - Kunsillier

Rita Gatt - Kunsilliera

Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (1)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 01 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **02.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **02.01.01** | NIL |
| **02.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 02.02.01 | Il-Viċi Sindku, Noyah Spiteri Hammett, ippropona l-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 01/2026, filwaqt li l-Kunsilliera Rita Gatt issekondat.<br><br>Qabel l-approvazzjoni, il-Kunsillier Martin Vella ġibed l-attenzjoni fuq xi emendi meħtieġa fil-minuti, kif ġej:<br><br>Punt 01.02.06 – għandu jinqara "Bormliżi ta' kull żmien" u mhux "Bormliżi ta' kulħadd".<br><br>Punt 01.03.15 – fejn il-Kunsillier Martin Vella qajjem diskussjoni, u l-kunsilliera qablu.<br><br>Paġna 11 – rigward il-parkeġġ ta' quddiem il-Monasteru Santa Margerita. |
| **02.03** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| 02.03.01 | Is-Sindku fetaħ is-seduta billi stieden lil Captain Fritz Farrugia, il-Kaptan tal-Port, sabiex jindirizza lill-Kunsilliera rigward il-possibbiltà li jiddaħħlu dgħajjes tradizzjonali ġewwa l-baċir, minħabba nuqqas ta' spazju fil-baħar u diffikultà biex jinstab post adegwat għal dawn id-dgħajjes.<br><br>Is-Sindku informa li din il-kwistjoni kienet diġà ġiet diskussa f'seduta preċedenti, fejn kien hemm qbil unanimu li ma jiddaħħlux dgħajjes fil-baċir, minħabba li hemm proġetti oħra ppjanati għal dan l-ispazju.. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 02.03.02 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li kellu laqgħa ma’ Sur Mizzi fejn ħareġ bl-idea li jinħoloq ktieb għat-tfal fil-forma ta’ enċiklopedija dwar il-lokalità.<br><br>L-għanijiet prinċipali ta’ din l-enċiklopedija huma:<br><br>• Li tgħin lit-tfal jifhmu l-istorja u l-iżvilupp tal-lokalità tagħhom;<br>• Li tippromwovi apprezzament lejn il-wirt kulturali u soċjali;<br>• Li ssaħħaħ is-sens ta’ appartenenza u kburija fil-komunità.<br><br>Is-Sindku spjega li waqt il-laqgħa ġie miftiehem li tintalab kwotazzjoni għal ktieb wieħed minflok sensiela ta’ 10 kotba, kif kien propost oriġinarjament. Dan sabiex il-proġett ikun aktar fattibbli f’din il-fażi inizjali.<br><br>Barra minn hekk, is-Sindku ddiskuta l-ħtieġa li jkun hemm ktieb disponibbli biex jingħata bħala rigal lil delegazzjonijiet li jżuru l-lokalità.<br><br>Is-Sindku informa wkoll li bħalissa qiegħed f’diskussjonijiet sabiex jinstab sponsor li jkopri l-ispejjeż relatati mal-pubblikazzjoni.<br><br>Il-kunsilliera esprimew ix-xewqa li l-proposta terġa’ tiġi diskussa f’każ li ma jkunx possibbli li jinstab sponsor, sabiex jiġu evalwati alternattivi oħra ta’ finanzjament. |
| 02.03.03 | Is-Sindku qara email mingħand TCTC Malta, fejn ġew infurmati b’programm li qed jiġi offrut b’xejn għat-tfal bejn l-8 u t-12-il sena matul is-sajf.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li jinġabar aktar tagħrif dwar dan il-programm, u jekk ikun il-każ, jiġi offrut l-użu tas-sala tal-Kunsill. Ser jiġi evalwat ukoll jekk huwiex possibbli li l-kors ssir ġewwa s-sala, fid-dawl tad-daqs tagħha. |
| 02.03.04 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika (MEEC) qed jistieden lill-Kunsilli Lokali sabiex |

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

jipparteċipaw f’żewġ inizjattivi ambjentali li bħalissa qed jiġu implimentati mill-Ministeru.

Ġie spjegat li l-Kunsilli jistgħu jew japplikaw għal assistenza diretta jew jinkludu dawn l-inizjattivi bħala parti minn attivitajiet oħra li jkunu qed jiġu organizzati fil-lokalità.

1.1 Saving Our Blue Campaign

Is-Sindku ta tagħrif dwar il-kampanja Saving Our Blue, li hija kampanja ambjentali nazzjonali mmexxija mill-MEEC. L-għan tagħha huwa li:

- Tqajjem għarfien dwar l-iskart fil-baħar;
- Tippromwovi prattiċi sostenibbli;
- Tipproteġi l-ambjent marittimu u kostali ta’ Malta.

Permezz ta’ kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali, NGOs u l-komunità, il-kampanja tħeġġeġ azzjoni kollettiva biex jitnaqqas l-iskart, jiġi skoraġġut it-tniġġis u jitnaqqas l-użu tal-plastik li jintuża darba biss.

1.2 Virtual Reality Roadshow

Bħala parti minn din l-inizjattiva, il-Kunsilli Lokali huma mistiedna jospitaw Virtual Reality Roadshow, li joffri esperjenza immersiva taħt l-ilma permezz ta’ mobile unit apposta.

Fuq talba tal-Kunsill, il-mobile unit jiġi allokat f’post magħżul fil-lokalità u jkun aċċessibbli mingħajr ħlas għall-pubbliku. L-esperjenza turi l-ambjent taħt l-ilma ta’ Malta u għandha l-għan li tqajjem għarfien dwar il-konservazzjoni tal-baħar.

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | 1.3 Islands Cleanup Campaign<br><br>Il-kunsilliera ġew infurmati dwar l-inizjattiva Islands Cleanup Campaign, li tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw attività ta' tindif fil-lokalità tagħhom.<br><br>Din l-inizjattiva tagħti s-setgħa lill-komunitajiet u lill-Kunsilli biex iwettqu tindif b'impatt ambjentali viżibbli u sinifikanti. Il-Kunsilli parteċipanti jingħataw gwida u t-tagħmir meħtieġ għat-tindif.<br><br>Ġie nnotat li l-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz tal-link ipprovdut, sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar 2026, sabiex ir-Reġjun ikun jista' jikkoordina mal-Ministeru kkonċernat.<br><br>Il-kunsilliera ħadu nota tal-informazzjoni ppreżentata u qablu li l-Kunsill jipparteċipa f'dawn l-inizjattivi. |
| 02.03.05 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, ġew mistiedna ġewwa Tunis mill-kumpanija Blachere Factory sabiex jattendu għal laqgħat ta' diskussjoni dwar possibbli kollaborazzjonijiet bejn il-11 u t-13 ta' Marzu. Is-Sindku spjega li l-għan taż-żjara huwa li jiġu esplorati opportunitajiet ta' ħidma konġunta u proġetti potenzjali li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-lokalità. |
| 02.03.06 | Is-Sindku xtaq jiddiskuti li Triq San Lazzru fejn preżenti hija pedestrian, għalhekk ikun xieraq li r-residenti jingħataw il-possibbiltà li jidħlu bil-karozza għal ħin limitat sabiex ikunu jistgħu idaħħlu x-xirja u affarijiet essenzjali oħra. Il-Kunsilliera qablet mal-proposta li jkun hemm 15-il minuta parking sabiex jiġu ffaċilitati l-bżonnijiet tar-residenti. |
| 02.03.07 | Is-Sindku ikkonferma li, bi qbil permezz ta' email mingħand il-kunsilliera, il-pubblikazzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa ser issir fuq nofs paġna bil-kulur, għall-prezz ta' €75. |

| | |
|---|---|
| 02.03.08 | Is-sindku informa lil kunsilliera li Malta se tipparteċipa fis-World Hour Day, inizjattiva ambjentali globali organizzata kull sena mill-World Wide Fund for Nature (WWF). Din is-sena, l-inizjattiva se ssir nhar is-Sibt, 28 ta' Marzu 2026, bejn 8:30pm u 9:30pm.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jieħu sehem għalhekk waqt din is-siegħa għandu jintefa d-dawl tal-binja tal-Kunsill bħala parti mill-appoġġ għall-inizjattiva. |
| 02.03.09 | Bħal kull sena, il-Bormla Subbuteo Club se torganizza l-FISTF Grand Prix Tessie Camilleri Memorial 2026. Din is-sena, l-avveniment huwa uffiċjalment rikonoxxut mill-FISTF u diġà ġew inklużi fil-kalendarju 2025-2026. L-avveniment se jsir fl-aħħar weekend ta' April, 25 u 26, u diġà nġabru kkonferma ta' diversi parteċipanti barranin kif ukoll plejers lokali.<br><br>Il-Bormla Subbuteo Club esprima l-intenzjoni li dan is-sena l-avveniment jiġi organizzat bi kollaborazzjoni ma' Kunsill Lokali ta' Bormla. Il-kollaborazzjoni se tinkludi:<br><br>Għajnuna sabiex jintuża AUM għall-organizzazzjoni tal-logħob.<br><br>Għajnuna għat-tazzi, li se jkunu 3D għal 5 kategoriji b'mod totali ta' €300. Il-forma tat-tazzi se tirrappreżenta l-Pupu, li huwa wkoll il-logo uffiċjali, u se jkun iffukat fuq il-Gran Mastru Cottoner bħala player, igorr b'onur il-bandiera ta' Beltna flimkien mal-poster uffiċjali.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li l-kollaborazzjoni ssir, u li l-arma tal-Kunsill għandha tintuża fuq kull materjal relatat ma' dan l-avveniment. |
| 02.03.10 | Il-Kunsill irċieva email mill-Kumitat Eko Skola ta' St Francis School, Bormla, fejn infurmaw rigward il-ħmieġ tal-klieb fit-triqat madwar l-iskola, li spiss jikkawżaw li studenti jirfsu dan il-ħmieġ u jġibu l-mikrobi fil-klassi u l- |

| | |
|---|---|
| | kurutturi tal-iskola. Ġie enfasizzat li dan jista' jġib mard, speċjalment fost it-tfal.<br><br>L-istudenti tal-Eko Skola qed jipproponu li jorganizzaw kampanja ta' poster edukattiv li se jintbagħat lill-familji fil-lokalità, fejn jinfurmaw lill-residenti biex dejjem iġorru boroż għall-klieb u jiġbru min wara l-klieb tagħhom. Il-poster se jispjega wkoll kif inħarsu s-siti pubbliċi jgħin biex iżomm it-triqat sikuri, nodfa u pjaċevoli għal kulħadd.<br><br>Il-Viċi Sindku, flimkien ma' membru mill-amministrazzjoni, ser ikunu qegħdin jiltaqgħu magħhom sabiex jiġu diskussi aktar fid-dettall. |
| 02.03.11 | Il-propjetarju tal-ħanut Gunsmoke, fit-Triq il-Pelegrinagg, ippropona li japplika għal parkeġġ ta' loading/unloading biex jintuża mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn 08:30 u 12:00 u bejn 16:30 u 20:00. Il-Kunsilliera diskutew il-proposta u qablu li jiġi allokat parkeġġ għall-loading u unloading biss nhar it-Tnejn u nhar il-Ħamis, bejn 08:30am u 12:30pm. |
| 02.03.12 | Is-sindku kompla billi spjega li resident Sur Degabriele, li għandu garage fit-Triq Dahla ta' 3 Ibliet, ma jistax jidħol fil-garage tiegħu bil-minibus minħabba l-għoli tal-bankina. Hu talbu li titbaxxa l-bankina sabiex ikun jista' jidħol u joħroġ il-vettura tiegħu b'faċilità.<br><br>Il-Kunsilliera diskutew il-proposta u ma sabu l-ebda oġġezzjoni għall-idea. Qablu li Sur Degabriele għandu jikkomunika direttament mal-perit tal-Kunsill sabiex jingħata gwida kif għandu jsir ix-xogħol u biex jiġi gwidata skont ir-regolamenti tal-Kunsill. Spejjeż kollha relatati ma' dan ix-xogħol huma responsabilità ta' Sur Degabriele. |
| 02.03.13 | Il-Kunsill ġie mfakkar dwar l-obbligu legali li jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jeżerċita l-funzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv meta l- |

2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta

Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222

E-mail: bormla.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| | kariga tkun vakanti jew meta s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista' jaġixxi għal kwalunkwe raġuni..<br><br>Is-Sindku propona li jinżamm lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Isla, Graziella Gellel, bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv, peress li diġà għandha esperjenza fil-Kunsill ta' Bormla.<br><br>Il-Viċi Sindku, Noyah Spiteri Hammett, diskutiet ir-raġunijiet tagħha u spjegat għaliex ma taqbilx ma' din il-proposta. Il-Kunsilliera l-oħra qablu mal-proposta tas-Sindku. |
| 02.03.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-sala tal-Kunsill ser tkun qed tintuża għall-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira. L-opening tal-wirja se ssir nhar 25 ta' Marzu fid-6:00pm. |
| 02.03.15 | Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku sabiex tiddiskuti proposta li hi saret minn Kumitat tal-Festa. Il-Viċi Sindku spjegat li ġiet infurmata li jixtiequ jibdew jagħmlu purċissjoni tal-gimgħa l-kbira għat-tfal.<br><br>Huma qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill bħala kolaborazzjoni biex jinxtraw 16-il figura ta' 90cm kull waħda.<br><br>Il-Viċi Sindku enfasizzat li hi ma kkommettietx ruħha direttament, iżda infurmathom biex iġibu kwotazzjonijiet qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar l-għajnuna tal-Kunsill. |
| 02.03.16 | Is-Sindku infurma lill-Kunsill li il-Community Police avvacinawh b'referenza biex tiġi installata kamera ġewwa Triq Matty Grima. Dan il-pass ġie propost minħabba vandalizmu riċenti li seħħ fil-pjazza.<br><br>Il-kamera tkun tista' tintuża wkoll biex tikkontrolla l-15-il minuta parking disponibbli fil-limiti tat-triq. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 02.03.17 | Email minghand Sur Bonnici fejn qieghed jitlob permess ghal riklami mal-Uchannels li jinsabu :<br>St Helen Gate Roundabout – 90cm x 58cm<br><br>The War Memorial (Xatt ta' Bormla) – 90cm x 58cm<br><br>Santa Tereza (5, fuq san l-inkurunazzjoni) – 90cm x 58cm<br><br>Il-kunsilliera approvaw. |
| 02.03.18 | Is-Sindku ħabbar li ser jkun preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal li ser issir nhar 26 ta' Frar 2026 fil-4:30pm. Kif ukoll il-kunsilliera Rita Gatt ser tkun qed tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal li ser issir nhar 5 ta' Marzu 2026. |
| 02.03.19 | Is-sindku flimkien ma kunsillier Martin Vella diskuttew li jrid issir zona apposta ġewwa verdala fejn jarmu l-borza tal-iskart. Il-Kunsilliera qablu. |
| 02.03.20 | Is-Sindku ddiskuta l-attivitajiet marbuta mal-Għid u talab il-qbil tal-Kunsilliera sabiex, bħas-snin preċedenti, isiru l-fireworks u titqassam il-figolla.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella żied jipproponi jekk huwiex possibbli li jiġi offrut ukoll ftit xorb (champagne) flimkien mal-figolla, sabiex dawk in-nies li ma jidħlux fil-Kunsill ikunu jistgħu jibbenefikaw ukoll.<br><br>Barra minn hekk, ġie propost u maqbul li din is-sena, dawk li jidħlu fil-Kunsill iridu jkunu b'invit; inkella ma jkunux jistgħu jidħlu. Dan minħabba l-ammont kbir ta' nies li jidħlu mingħajr stedina.<br><br>Intlaħaq ukoll qbil li jkun hemm żewġ persuni tas-sigurtà fid-daħla tal-Kunsill sabiex jiġi kkontrollat id-dħul u tinżamm il-professjonalità. |

| **02.04** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
|---|---|
| 02.04.01 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa jekk huwiex possibbli li jsir kuntatt mal-persuni li qed jweħlu l-istickers mal-bollards ġewwa Bormla.<br><br>Is-Sindku qabel li għandu jsir kuntatt ma' dawn il-persuni. |
| 02.04.02 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa wkoll dwar il-railing li kien sar u li ma twettaqx kif suppost, bil-għan li ma jkunx hemm parkeġġ fuq il-bankina.<br><br>Is-Sindku wieġeb li bħalissa għaddejin b'diskussjonijiet mal-avukat dwar ir-railing fi Triq il-Pellegrinaġġ. |
| 02.04.03 | Il-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa wkoll dwar it-traffic management fi Triq San Pawl. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ntbagħtet reminder oħra peress li għad ma waslet l-ebda risposta. |
| 02.04.04 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa rigward id-dawl tal-funtana fil-pjazza quddiem il-każin tal-banda. Peress li l-ilma mhux jaħdem, staqsa jekk huwiex possibbli li xorta tixgħel id-dawl.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ser tintbagħat tfakkira dwar dan. |
| 02.04.05 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk huwiex possibbli li titpoġġa bozza fil-librerija li tinsab ġewwa telephone box, sabiex tkun tista' tixgħel ukoll filgħaxija.<br><br>Is-Sindku wieġeb li dan m'għandux ikun problema. |
| 02.04.06 | Il-Kunsillier Martin Vella ġibed l-attenzjoni rigward linja għas-Segretarju Eżekuttiv, u staqsa jekk huwiex possibbli li tiġi pprovduta linja privata għall-użu tax-xogħol biss, minħabba li f'diversi każijiet relatati ma' kuntratturi u sitwazzjonijiet oħra, intuża n-numru personali. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta. |
| 02.04.07 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk huwiex possibbli li d-Day Centre jiżdied ġurnata oħra ta' operat.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ser tkun qiegħda tikkuntattja lill-AACC dwar dan. |
| 02.04.08 | Il-Kunsillier Martin Vella ddiskuta l-kwistjoni tal-yellow line fi Triq l-Iljun.<br><br>Is-Sindku qabel li din issir fuq naħa waħda biss, u l-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta. |
| 02.04.09 | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammett staqsiet jekk huwiex possibbli li jiġu ddurati r-road humps fi Triq Santa Tereża.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ser tkun qiegħda tibgħat dan għall-attenzjoni tad-dipartimenti relevanti. |
| **02.05** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 02.05.01 | Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 02 għad-disa' leġiżlatura u l-petty cash ta' Jannar 2026.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammett ipproponiet l-approvazzjoni tal-iskeda numru 02 għad-disa' leġiżlatura, waqt li l-Kunsillier Glauber Spiteri issekondat. Din l-approvazzjoni saret wara li l-Kunsilliera qablu li l-pagament tas-soft area ma jsirx qabel ma jitlesta x-xogħol mitlub mill-Kunsill Lokali.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammett approvat ukoll l-approvazzjoni tal-petty cash ta' Jannar, Kunsillier Martin Vella issekonda. |

| **02.06** | **Mozzjonijiet / Rakommandazzjonijiet** |
|---|---|
| 02.06.01 | Mozzjoni numru 05:<br><br>Suġġett: Road Hump – Triq San Gwann<br><br>Qiegħed inressaq din il-mozzjoni għal-approvazzjoni tal-kunsill.<br>Sabiex issir Road Hump fi triq San Gwann ezatt hdejn Gnien il-familja.<br><br>Proponent: Martin Vella<br><br>Sekondant: Rita Gatt<br><br>Il-kunsilliera prezenti qablu |
| | Mozzjoni numru 06:<br>Suġġett – Speed Cameras<br><br>Is-sindku xtaq jigbed l-attenzjoni rigward speed fit triq santa tereza quddiem wefi. Nixtieq li jsiru cameras.<br><br>Proponent: Marco Agius<br><br>Sekondant: Noyah Spiteri Hammett<br><br>Il-kunsilliera kolla prezenti qablu. |
| 02.06.02 | Mozzjoni numru 07:<br><br>Suġġett – Ġemellaġ ma Chatam<br><br>Hekk kif kelna diskusjonijiet ma Palma Di Mallorca bħalissa gew postonuti u għalhekk qiegħed nitlob biex jekk ma jkunx hemm ħsieb li jitkompla ma Palma di Mallorca nibdew ma Chatam.<br><br>Proponent: Marco Agius |

| | |
|---|---|
| | Sekondant: Noyah Spiteri Hammett<br><br>Il-kunsilliera prezenti qablu |
| **02.07** | **Rapporti** |
| 02.07.01 | Wara diskussjoni mal-accountant fejn gie spjegat annual report kif ukoll Financial statement 2025. Il-kunsilliera approvaw dan ir-rapport. |
| **02.07** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 02.07.01 | Is-Seduta ġiet mtemmija fil-18:30 u giet aggornata ghal nhar it-tnejn 23 ta' Marzu, fl-16:00pm. |

Konfermati, illum ________________

______________ ______________________

**Marco Agius** **Crystal Degabriele**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1212, Malta*

*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*

*E-mail: bormla.lc@gov.mt*